# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 10 ta' Marzu 2000

**Numru 28**

**Citaz. numru 1211/88 DS**

Reginald Micallef u Walter Camilleri in rapprezentanza tas-socjeta` "Formosa & Camilleri Ltd" u dina bhala agenti Maltin tas-socjeta` assikuratrici estera "The Guardian Royal Exchange Assurance plc" surrogata fid-drittijiet tal-assigurati taghha d-ditta "Golden Gate" ta' San Gwann
vs
Chev. Silvio Mifsud u Adrian Mifsud bhala diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta` "S. Mifsud and Sons Ltd", agenti tal-NEPTUNE LINES armaturi tal-vapur Neptune Star,
u
Godwin Abela u Lorenzo Lautier bhala diretturi u in rapprezentanza tal-kumpanija "The Cargo Handling Co. Ltd."

Illum, 10 ta' Marzu 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Novembru 1988 li permezz taghha l-atturi nomine wara li ppremettew illi d-ditta Golden Gate importat minn spanja ghaxar (10) kartuni ta' karti tal-loghob (playing cards) li waslu Malta fuq il-vapur Neptune Star kif jirrizulta mill-polza tal-kariku Dok. A.

Illi meta l-merkanzija waslet Malta u giet skarikata b'idejn il-kumpanija The Cargo Handling Co. Ltd. u minghandhom giet kunsenjata lill-importatur, irrizulta skond ir-"release" tad-dwana li kien hemm sitta (6) kartuni biss u li minn dawn is-sitta kien hemm ohra li kienet miftuha u bin-nieqes.

Illi ghal dan in-nuqqas is-socjeta' assikurattrici u attrici permezz tal-agenti taghha f'Malta, hallset kumpens, kif inhi obbligata, ta' disa' mija u disgha u sebghin lira u hamsin centezmu (Lm979.50) oltre ghoxrin lira (Lm20) ghas-survey u b'hekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur.

Illi l-konvenuti nomine, jew min minnhom, huma responsabbli ghal dan in-nuqqas;

talbu lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq premessi, li:

1. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghal dan in-nuqqas;

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine is-somma ta' disa' mija u disgha u disghin lira u hamsin centezmu (Lm999.50), inkluzi l-Lm20 tas-survey, bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-pagament, in linea ta' danni sofferti mill-importatur u li d-drittijiet ghalihom gew surrogati lill-atturi nomine.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti noe li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Chev. Silvio Mifsud et nomine fejn qalu:

1. Illi d-domandi attrici, in kwantu huma diretti kontra l-esponenti nomine, ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante illi kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-merkanzija nizlet minn abbord, hlief ghal kartuna wahda li nizlet damaged, fil-kondizzjoni li irceviha il-kaptan, u ghalhekk l-esponenti ma jistax ikun tenut responsabbli.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela et nomine fejn qalu:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti nomine ikkonsenjaw il-merkanzija u qdew il-funzjonijiet taghhom bid-diligenza kollha rikjesta minnhom mill-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-25 ta' Jannar 1989 fejn gie nominat l-assistant gudizzjarju Dr. Tony DeGaetano u d-digriet tat-23 ta' Jannar 1992 fejn gie revokat l-inkarigu tieghu;

Rat id-digriet tat-23 ta' Jannar 1992 fejn gie nominat Dr. Rachel Bonello bhala perit legali u d-digriet ta' l-10 ta' Dicembru 1999 fejn giet ezonerata mill-inkarigu taghha;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, in-noti ta' osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li d-ditta "Golden Gate" kellha timporta f'Malta minn Spanja ghaxar kartuniet *playing cards* permezz tal-vapur NEPTUNE STAR. Fil-polza ta' kariku Dok. A (a fol. 6 tal-process) insibu l-merkanzija deskritta bhala "10 CASES – PLAYING CARDS" u li din tghabbiet "CLEAN ON BOARD". Fil-parti stampata nsibu l-kliem "Shipped on board in apparent good order and condition", imbaghad kontradittorjament il-kliem "weight, measure, marks, numbers, quality, contents and value unknown". Pero` m'hemm l-ebda firma tal-kaptan. Mill-banda l-ohra giet esebita l-*packing list* (Dok. C a fol. 8) li tiddeskrivi l-merkanzija mibghuta – f'dal-kaz kull kartuna kienet tikkontjeni hamsin tuzzana pakkett *playing cards*. Jidher li t-total originalment kien ta' hames mitt tuzzana, li jfisser ghalhekk ghaxar kartuniet. Prova kuntrarja ma hemmx. Il-Qorti ghalhekk hi soddisfatta li tghabbew l-ghaxar kartuniet fuq il-vapur kif hemm indikat fuq id-Dok.A.

Meta l-vapur wasal Malta, gew skarikati biss disa' kartuniet. Dan jirrizulta ampjament mill-*joint tally sheet* (Dok. B a fol. 7). Dan id-dokument jikkostitwixxi "prima facie" evidenza tal-merkanzija li tkun giet skarikata minn fuq vapur u l-kondizzjoni taghha. F'dal-kaz insibu li "1 carton landed damaged". It-*tally clerks* kienu Anthony Mamo ghas-

socjeta` S. Mifsud & Sons Ltd. u George Zammit ghas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.

Anthony Mamo kkonferma li tnizzlu disa' kartuniet u li wahda minnhom kienet "damaged". Huwa spjega li normalment meta jnizzlu "one carton damaged" dan ikun ifisser li l-kartuna minn barra tkun danneggjata u ma jidhlux ghar-rigward x'kontenut ikun hemm, jekk dan kienx bil-hsara wkoll. Huwa ndika wkoll li fl-istess *tally sheet* hemm rimarka li ghamel il-kaptan tal-vapur li d-danni deskritti fl-istess dokument graw "during discharging operation".

George Zammit xehed li jekk ikun hemm "one carton damaged" din tista' tkun kemm "exterior damage" kif ukoll "short of contents". Izda mbaghad specifika li "jekk mill-ewwel dehra ninduna li carton ikollha xi nuqqasijiet fil-kaz nispecifika u normalment innizzlu short of contents mhux semplicement carton damaged".

Il-kartuniet li gew skarikati ghaddew f'idejn is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. Meta l-merkanzija giet rilaxxata lill-importatur gew rilaxxati biss sitt kartuniet li minnhom wahda kellha n-nieqes. Lis-socjeta` assikuratrici attrici ntalab rizarciment ghan-nuqqas ta' mitejn u hamsin tuzzana pakkett *playing cards*. Edgar Ellul, managing director tal-Golden Gate Trading Agency xehed li fil-fatt gew konsenjati lilu sitt kartuniet izda filwaqt li hamsa minnhom kienu maghluqin, is-sitt kartuna kien fiha biss hames pakketti u fl-ittra taghhom tas-17 ta' Dicembru 1987 lis-socjeta` assikuratrici (Dok. TD1) talbu rizarciment ghal 250 tuzzana u mhux ghal 249 tuzzana u seba' pakketti minhabba l-ammont minimu ta' hames pakketti. Mill-banda l-ohra l-attur xehed li mill-*files* taghhom jidher li l-importatur thallas ta' 250 tuzzana peress li kartuna minnhom kien fiha biss erba' pakketti li kienu bir-"wrapper" ta' barra mqatta' u l-faccata taghhom mahmug. Fil-fatt halsu komplessivament is-somma ta' Lm979.50.

Konferma inekwivoka li gew rilaxxati sitt kartuniet mill-Cargo Handling huwa d-dokument maghruf bhala *gate pass-out* (Dok. TA1 esebit minn Tony Agius ghall-Cargo Handling fis-seduta tat-28 ta' Marzu 1990). Aktar specifikatament dan id-dokument, li jikkonsisti f'ircevuta rilaxxata mill-importatur jew l-agent tieghu tal-merkanzija kkonsenjata, ighid testwalment: "Received the goods in good order and condition with the following exceptions:- **of which ctn 301 x 2 doz only**". Fil-fehma tal-Qorti din il-prova ma tinsabx imxejna bix-xiehda ta' Edgar Ellul. Wara kollox il-merkanzija ma gietx konsenjata lilu personalment mill-Cargo Handling izda lill-agent tieghu u jekk komplew jonqsu l-pakketti sakemm

il-konsenja waslet ghandu zgur li ma jista' jirrispondi hadd mis-socjetajiet konvenuti.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-Cargo Handling ghamlet riferenza ghall-artikolu 86 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Portijiet u esprimiet il-fehma taghha li a bazi ta' tali artikolu ghandha tkun ezentata mir-responsabbilta'. L-ezenzjoni tirrigwarda "pakki difettuzi" meta jitnizzlu minn fuq bastiment. F'dan il-kaz tnizzlu disa' kartuniet li wahda kienet danneggjata. L-ezenzjoni mir-responsabbilta' tal-Cargo Handling tista' semmai tirrigwarda biss din il-kartuna u mhux il-kumplament tal-merkanzija. Issa l-*joint tally sheet* ma tispjegax in-natura tal-hsara fil-kartuna. Barra minn hekk il-kaptan kiteb li l-hsarat fil-merkanzija graw "during discharge operation", cioe' waqt l-iskarikar mill-*port workers* stess, u George Zammit, it-*tally clerk* tal-Cargo Handling, qal li jekk mill-ewwel dehra jinduna li carton ikollha xi nuqqasijiet allura normalment inizzlu "short of contents" u mhux semplicement "carton damaged". Ghalhekk f'dan il-kaz is-socjeta` konvenuta Cargo Handling ma tistax tiddependi mill-artikolu 86.

Ghalhekk filwaqt li s-socjeta` konvenuta S. Mifsud & Sons Ltd. ghandha twiegeb ghan-nuqqas ta' konsenja ta' kartuna wahda, is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. ghandha twiegeb ghan-nuqqas ta' konsenja ta' tliet kartuniet u 48 tuzzana pakketti *playing cards*.

Is-socjeta` konvenuta S. Mifsud & Sons Ltd. qed tippretendi li r-responsabbilta` taghha hija limitata bil-polza ta' kariku ghal mhux aktar minn U.S. $50 kull pakkett. Il-Qorti ma taqbilx. Ma saret l-ebda prova li kien hemm ftehim bejn it-trasportaturi u l-importaturi dwar limitazzjoni ta' responsabbilta`. Ghalhekk huwa dovut il-valur shih tal-kartuna li giet *short delivered*. L-importatur thallas Lm979.50 ghal 250 tuzzana pakkett li jfisser Lm3.918 kull tuzzana. B'hekk kartuna ta' 50 tuzzana hi ekwivalenti ghall-ammont ta' Lm195.90.

Ghal dak li jirrigwarda s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. 198 tuzzana pakkett bir-rata ta' Lm3.918 kull tuzzana huwa ekwivalenti ghal Lm775.76.

Fic-citazzjoni s-socjeta` attrici qed titlob ukoll il-hlas ta' Lm20 bhala *survey fee*. Ma saret l-ebda prova dwar dan l-allegat pagament u allura t-talba ma tistax tintlaqa'.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine, tilqa' t-talbiet attrici, u

(1) tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghan-nuqqasijiet kif fuq indikat,
(2) tikkundanna lil Chev. Silvio Mifsud u Adrian Mifsud nomine jhallasu lill-atturi nomine s-somma ta' Lm195.90, u
(3) tikkundanna lil Godwin Abela u Lorenzo Lautier nomine jhallsu lill-atturi nomine s-somma ta' lm775.76.

Bl-imghax f'kull kaz mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal kwint (1/5) mill-konvenuti Chev. Silvio Mifsud u Adrian Mifsud nomine u kwantu ghal erba' kwinti (4/5) mill-konvenuti Godwin Abela u Lorenzo Lautier nomine.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**D/REGISTRATUR**